MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 451/2003/1

**GasanMamo Insurance Limited (C. Reg. No. C3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Beryl Pauline Jepsen sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Beryl Pauline Jepsen (ID: 12537A)**

**vs**

**Raymond Vella (ID 16959M)**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Dicembru, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-9 ta' Settembru, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi

jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm1,664.60) rapprezentanti hlas ta' danni minnu kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' April, 2002 fil-Mellieha, bejn il-vettura LCC 983 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru AAB 104 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici, liema ncident gara unikament tort tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'excess' imhallsa mill-attrici Beryl Pauline Jepsen li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici, kif ukoll sittin lira Maltin (Lm60) bhala 'loss of use'.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2003 kontra l-konvenut, ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax legali mit-28 ta' Frar, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali "de quo" ma kienx jahti unikament l-eccipjent kif allegat fl-Avviz.

2. Illi l-atturi kienu pproponew ripartizzjoni tar-responsabbilta' fuq bazi ta' erz u zewg terzi favur l-eccipjenti u din il-proposta kienet giet accettata (Dok A – E).

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni illi grat fl-inkrocju ta’ Triq Sant’ Anna ma’ Triq il-Kappillan Magri, l-Mellieha fit-3 ta’ wara nofs inhar fit-2 ta’ April, 2002 bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAB 104 misjuqa minn Beryl Pauline Jepsen u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCC 983 proprjeta’ u misjuqa mill-konvenut Raymond Vella.

Ikkunsidrat:

L-attrici Beryl Pauline Jepsen xhedet (Fol 49) illi fil-hin ta’ l-incident hija kienet qeda ssuq il-vettura taghha, AAB 104, ghat-telgha go Triq Sant’ Anna. Peress illi kien hemm bankina u karozzi pparkjati fuq ix-xelug, zammet xi ftit lejn il-lemin. Dak il-hin hija kienet qeda ssuq *on second gear*. Meta waslet fl-inkrocju ma’ Triq il-Kappillan Magri, sabet lill-konvenut ma’ wiccha u sar l-incident. Mall-ewwel irrimarkat illi l-iskizz illi pprezenta s-Surgent ma kienx wiehed fidil, peress illi ma jimmarkax *stop signs*.

Fil-kors tal-kawza gew esebiti ritratti ta’ l-inhawi minfejn jidhru diversi *road signs*, fosthom *stop signs* ma’ l-art u *one way traffic signs* go Triq il-Kappillan Magri.

Skond is-Surgent illi nvestiga l-kaz, PS 419 Anton Buttigieg, (Fol 48) l-i*stop signs* illi kien hemm fit-triq ma kienux japplikaw ghad-direzzjonijiet minfejn kienu gejjin il-karozzi u ghalhekk ma nizzilhomx f’iskizz. Il-Qorti tirrmarka illi skond ir-ritratti a fol. 35, ma jidhirx illi dana huwa l-kaz. Kien hemm sinjali tat-traffiku li kienu mportanti ghall-utenti tat-triq illi kellhom jitnizzlu fl-iskizz.

Ghalhekk, il-Qorti sejra tikkonsidra wkoll dawn ir-ritratti fil-valutazzjoni taghha.

Il-konvenut xehed illi huwa kien tiela fi Triq il-Kappillan Magri u meta wasal fl-inkrocju waqaf fuq l-i*stop sign*. Peress illi minfejn kienet gejja Jepsen kienet *blind corner*, il-konvenut beda hiereg bil-mod biex jara min kien gej minn dik id-direzzjoni. Izda hekk kif ipponta l-bonett,

tfaccat Jepsen fuq in-naha tal-lemin tat-triq u sar l-incident. Ikkonferma illi wara l-habta Jepsen spiccat mahbuta mall-hajt ta' faccata. Spjega wkoll illi kien hemm sinjali tat-traffiku, pero' ma kienx cert jekk in-*no entry sign* in-naha l-ohra tat-triq, kif tidher a fol. 35, kinitx prezenti fil-hin ta' l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, l-Qorti tirrleva illi biex l-atturi jirnexxu fl-istanza taghhom iridu jippruvaw illi kien hemm xi element ta' traskuragni da parti tal-konvenut, liema traskuragni kellha konsegwenza diretta fuq l-incident. Apparti l-kwistjoni tas-sinjali tat-traffiku, l-Qorti hija sodisfatta illi minfejn kien hiereg il-konvenut kien hemm *stop sign* u korrettement il-konvenut waqaf wara dan is-sinjal. Pero' l-Qorti tirrealizza wkoll illi minhabba l-blokk bini illi kien hemm, il-konvenut kien fid-diffikulta biex jara min kien gej minn fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk kellu bilfors johrog ftit ftit sakemm il-vista ttih. Izda qabel ma' wasal f'dak l-istadju tfaccat l-attrici Beryl Jepsen u sar l-incident.

Jepsen argumentat illi s-sinjali tat-traffiku kienu favur taghha. Ma kienx hemm *stop signs* minfejn kienet hierga u setghet issuq liberament. Fil-fatt l-unika haga li tghid dwar is-sewqan tal-konvenut hu, "I first became aware of defendant when he hit my car." Dana jkompli juri is-sitwazzjoni prekarja illi kienet tezisti f'dawk l-inhawi, *blind corners* f'kull inkrocju illi hemm.

Ikunsidrat:

Il-Qorti tirrleva illi meta sewwieq ikun qed jinnavika toroq dojoq b'hitan gholjin, illi huma ta' ostaklu ghall-vista, allura dan ghandu jezercita l-massimu ta' attenzjoni u joqghod attent meta jasal vicin inkrocju u ma jipprocedix jekk ma jkunx cert li jista jaghmel hekk liberament minghajr periklu ghalih jew inkella ghall-utenti l-ohra tat-triq.

F'dan il-kaz, il-Qorti m'ghanhiex il-konfort ta' skizz illi jirraprezenta verament is-sinjali illi hemm fit-toroq. Hu

x'inhu, il-Qorti hija sodisfatta illi hawn si tratta ta' toroq dojoq, b'karozzi pparkjati fuq naha tat-triq fejn jaghmluha aktar difficli ghas-sewwieqa biex jimmanuvraw b'certa sigurta. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, jinkombi fuq is-sewwieqa, huma minhuma, gejjin minfejn gejjin, li meta jaslu f'inkrocju, anki jekk ma jkunx hemm *stop sign*, jieqfu u jesploraw it-triq.

Jepsen qalet illi t-triq kienet libera favur taghha u ndunat biss bil-prezenza tal-konvenut mall-habta. Dana jfisser illi meta waslet fil-kantuniera, dina ma waqfitx jew ma rralentatx biex tesplora t-triq u ma rrealizzatx id-diffikulta illi seta' kellu haddiehor meta jasal fil-kantuniera. Il-Qorti ma tiskantax li sehh dan l-incident meta skond Jepsen hija kellha zzomm fuq in-naha tal-lemin minhabba karozzi illi kienu pparkjati fuq ix-xellug.

Kif qalet il-Qorti fil-bidu nett, biex Jepsen tirnexxi fl-istanza taghha, trid tipprova element ta' traskuragni fuq in-naha tal-konvenut. Meta l-Qorti semghet lill-konvenut jaghti l-verzjoni ta' l-incident, diifficli tasal biex ticcensurah. Dan waqaf fuq l-i*stop sign* u beda *inching out* bilmod ilmod sabiex jesplora t-triq. Pero' ma wasalx f'dak l-istat li jkun cert mill-vetturi gejjin minn fuq ix-xellug peress illi mmedjetament saret il-habta. Mhuwiex mistenni illi sewwieq jibqa fuq l-i*stop sign* b'mod indefinit minghajr ma jesplora l-vicinanzi, specjalment dawk gejjin minn fuq ix-xellug tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tippretendi l-impossibbli minghand il-konvenut, fejn jidher illi ha l-prekawzjonijiet kollha qabel jigi biex johrog.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut qal li kien ser jibqa' sejjer ghad-dritt, fejn illum hemm *stop sign*, u n-*no entry sign*, pero ma kienx cert jekk dak is-sinjal kienx hemm fil-gurnata ta' l-incident.

Il-Qorti tirrleva illi l-incident gara fit-2 ta' April, 2002 mentri r-ritratti a fol.35, specjalment HPZ 13 fejn jidher in-*no entry sign* hemm id-data ta' l-4 ta' Dicembru, 2002. Ghalhekk, jista' jaghti l-kaz illi fil-frattemp tpoggiet dik in-

*no entry sign*. Huwa probabbli illi fil-hin ta' l-incident ma kinitx hemmhekk.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001, fl-ismijiet Nutar Dr Michael Dingli et vs Frank Zammit il-Qorti ta' l-appell qalet li l-pozizzjoni legali ta' parti f'incident tat-traffiku ma kienx affettwat bil-fatt illi wara l-incident l-awtoritajiet tellghu *stop sign* f'inkrocju fejn gara l-incident. Ghalhekk, jekk in-*no entry sign* telghet wara dan l-incident dan ma jaffetwax il-pozizzjoni legali tal-konvenut. Hu x'inhu, jibqa' l-fatt li l-konvenut kien awtorizzat li darba accerta ruhu, jipprocedi, seta' jaghmel hekk billi jdur lejn il-lemin. L-importanti hu li l-Qorti tezamina x'mizuri ha qabel ma' hareg minn wara l-i*stop sign* u mhux dak illi seta' ghamel wara.

Fil-kawza fl-ismijiet Dr H. Leniker vs H. Camilleri (PA 31 ta' Mejju, 1972) il-Qorti qalet, "… f'kawza civili li l-attur li allega illi gralu hsara tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anki jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex mhux legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur)."

Ara wkoll Joseph Rausi noe et vs John Muscat Appell 22 ta' Novembru, 1995, Joseph Bartolo et vs George Zammit PA 30 ta' April, 2001.

Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti m'ghandhiex il-konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza ta' probabbiltajiet illi l-incident gara b'tort tal-konvenut u ghalhekk, l-unika konkluzjoni li setghet tasal gahliha hi li l-atturi naqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom b'mod sodisfacenti u konvincenti u quindi ma tistax tilqa' t-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom."

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi. Il-kontenzjoni ewlenija taghom hi dik li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi prodotti. Huma jsostnu bhala punt ta’ fatt illi oltre li ma jirrizultax mill-provi li l-konvenut kien “*inching out*”, l-imgieba fis-sewqan tieghu, minghajr it-tehid ta’ prekawzjonijiet, kienet il-kawza prossima ta’ l-incident. Bhala punt ta’ dritt jaffermaw illi gjaladarba kien hemm *stop sign* fit-triq transitata mill-konvenut dan kien juri li t-traffiku fit-triq l-ohra li minnha kienet qed tinsaq il-vettura ta’ l-attrici assigurata kellha l-precedenza. Konsegwentement, jikkonkludu illi l-konvenut ma setax johrog ghal fuq triq principali minghajr ma jaccerta ruhu illi l-ebda vettura ghaddejja mit-triq l-ohra ma kienet ser tigi ostakolata;

Ghall-ahjar ri-valutazzjoni ta’ l-incident forsi jkun jaqbel jekk jigu replikati dawn il-fatti:-

(1) Is-sewwieqa Beryl Pauline Jepsen, assigurata mas-socjeta` attrici kienet qed issuq il-vettura fi Triq Sant’ Anna; il-konvenut, fi Triq il-Kapillan Magri;

(2) It-topografija taz-zewg toroq turi li dawn huma pjuttost dojoq, b’ bini gholi u bil-karozzi parkeggjati f’ kull triq;

(3) Il-konvenut jaccetta li fit-triq transitata minnu fejn iz-zewg toroq jifformaw inkrocju kien hemm *stop sign* u *no left turn*;

(4) L-incident sehh hekk kif il-konvenut xiref ghal fuq Triq Sant’ Anna wara li kien waqaf fuq l-i*stop sign*. F’ dak il-mument il-vettura ta’ l-attrici Beryl Pauline Jepsen kienet qed tinsaq fuq in-naha leminija tat-triq taghha peress li fuq ix-xellug ta’ dik it-triq kien hemm vetturi parkeggjati;

Huwa ovvju minn dan il-kwadru tal-fatti illi l-ewwel konsiderazzjoni li trid issir tirrigwarda l-importanza relativa

taz-zewg toroq. Fuq dan il-punt il-gurisprudenza taghna tipprovdi dawn l-insenjamenti:-

(i) B' abbracc ta' l-enuncjazzjoni fl-Appell Kriminali "**The Police -vs- Jack Morris**", 24 ta' Lulju 1937, jinghad li "l-ligi taghna ma tenunzja strettament ebda regola ta' kif ghandhom jigu kwalifikati '*major*' u '*minor road*'. In-nozzjoni ta' dina d-differenza hija relattiva, u '*the same road may be a major road with regard to a particular intersection with another road, and a minor road with regard to another intersection with a different road*'" - "**John Mary Gauci -vs- Victor Urry**", Qorti Civili, Prim' Awla, 7 ta' Mejju 1966 (**Kollez. Vol. L P II p 194**);

(ii) "Fir-regolamenti ma hemmx definizzjoni specjali ta' '*major*' u ta' '*minor road*', u triq hija *major* biss in relazzjoni ghal dawk it-toroq l-ohra li jikkonvergu fuqha. Kwindi zewg *minor roads* ta' importanza ugwali huma *major* in relazzjoni ghal xulxin u b' hekk jibqghu ugwali. Minn dan jidher li l-punt li jrid jigi deciz huwa jekk iz-zewg toroq in kwestjoni humiex ta' importanza ugwali; dan, in bazi ghall-wisgha taz-zewg toroq, il-volum tat-traffiku li jghaddi minnhom u d-direzzjoni taghhom" - "**Lawrence Gauci -vs- Michael Angelo Dimech**", Qorti Civili, Prim' Awla, 2 ta' Gunju 1966 (**Kollez. Vol. L P II p 259**);

(iii) "Tali apprezzament ghandu jsir l-aktar, jekk mhux esklusivament proprju fil-kazijiet fejn ma hemmx sinjali li jindikaw l-importanza relativa tat-toroq ghaliex altrimenti wiehed irid jobdi d-direttivi moghtija" - "**Patrick Boffa -vs- Olga Mifsud**" Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1993;

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in disamina ghandu jkun ovvju illi gjaladarba fi Triq il-Kapillan Magri transitata mill-konvenut kien hemm *stop sign*, it-triq l-ohra Sant' Anna li minnha kienet ghaddejja l-konducenti l-ohra ma tistax ma titqiex bhala *major road* ghal Triq il-Kapillan Magri, ghallanqas f' dak l-inkrocju fejn avvera ruhu l-iskontru. Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen

kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "*main road user*". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "*side road user*", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u sahansitra iwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" - "**Il-Pulizija -vs- Anthony Galea**", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137**); "**Joseph Rizzo -vs- Paul Micallef**", Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974;

Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn *side street* ghal *main road* ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf ghal kollox jew johrog *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - "**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine del la Fargue**", Appell Civili, 2 ta' April 1976;

Minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s' intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta' jigi kwalifikat bhala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-*main road user* jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni. Ara "**Cecil Ellul -vs- Joseph Muscat**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Huwa car mill-ezami tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti injorat il-principji suddetti tant li waslet biex ikkonkludiet li l-atturi naqsu li jiddisimpenjaw ruhhom, b' mod sodisfacenti u konvincenti, illi jsostnu l-fondament tat-talbiet taghhom. Inversament, kif fuq manifest, u sorrett ukoll minn gurisprudenza affermata, tali impenn kien jispetta invece lill-konvenut u mhux *vice-versa*;

Issa fuq ir-ri-ezami li ghamlet din il-Qorti tar-rizultanzi istruttorji, l-elementi ta' fatt deducibbli huma dawn:-

(1) Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinsaqu ghat-telgha fit-toroq rispettivi taghhom. Fit-tarf ta' l-inkrocju minn fejn kien gej il-konvenut kien hemm *stop sign*. Dan jghid li waqaf ezatt fuq l-i*stop sign* fl-inkrocju u ezatt kif beda jtawwal rasu halli jara jekk jistax johrog fil-pront giet il-vettura l-ohra u laqtitu. Invece is-sewwieqa l-ohra tghid li "*I first became aware of the defendant when he hit my car*";

(2) Mir-ritratti esebiti u l-iskizz jidher li kienet il-vettura tal-konvenut li habtet fil-*car* ta' l-attrici. Mhux probabbli illi l-vettura tieghu kienet stazzjonarja u li ngibdet 'il barra bl-incident kif jissottometti l-appellat. Il-fatt li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li kien *inching out* juri li din il-*car* kienet *in motion* u mhux stazzjonarja;

(3) Hu veru illi l-attrici, kif konfessat minnha, htiegilha izzomm fuq il-lemin tat-triq minflok fuq ix-xellug ghar-raguni li fuq dik in-naha kien hemm vetturi pparkjati, u hu veru wkoll li minhabba f' hekk il-konvenut jistqarr li "sibtha quddiemi" (fol. 53), fattur dan li jkompli jafferma li l-*car* tieghu kienet *in motion*. B' danakollu hu pacifikament stabbilit li "sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghal dik il-kollizjoni" - **Kollez. Vol. XLVII P II p 966** u **Vol. XLVI P IV p 762**. "Dan anke ghaliex wiehed irid iqis x' kienet ezatt il-wisgha tat-triq cjoe jekk kellhiex titnaqqas minnha anke dik il-parti mehuda ghall-parkegg tal-karozzi u allura

tigi limitata ghall-parti karreggjabbli" - "**Dr. Louis Bianchi *nomine* -vs- Roberta Patiniott**", Appell, 7 ta' April 1997;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, naturalment ikun ingustifikat li wiehed jiskarta l-fatt li, gjaladarba l-attrici kienet ghar-raguni msemmija qed issuq fuq il-lemin minflok fuq ix-xellug tat-triq, din ma kellhiex ukoll tadopera r-regola tal-prudenza u tal-bon sens dettata mic-cirkostanzi una volta wkoll kienet qed tavvicina krocerija. Anke hawn il-gurisprudenza tavverti illi "l-*main road user* m' ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun koinvolt *side road user*" ("**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966, **Kollez. Vol. L P I p 296**). Jibqa' s' intendi dejjem il-konsiderazzjoni illi l-grad ta' diligenza rikjesta mill-*main road user* mhux ta' l-istess grad tas-*side road user*. Kif rilevat "il-*main road user* ghandu wkoll joqghod attent fil-*cross roads* imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas" (**Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137**);

Raggunta din il-konkluzjoni in bazi ghar-riflessjonijiet kollha suesposti hu l-kaz li din il-Qorti twarrab is-sentenza appellata billi ghall-incident in ezami tapporzjona l-htija kwantu ghall-kwinta (1/5) parte fuq il-konducenti Beryl Pauline Jepsen u r-rimanenti erba' kwinti (4/5) fuq il-konvenut. Mill-atti ma jirrizultax li l-kwantum tad-danni kif sopportat minn ricevuti (fol. 29 sa fol. 33) jinsab kontestat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mill-atturi u b' hekk tirrevoka u thassar is-sentenza appellata. Konsegwentement qed tilqa' t-talba attrici billi tiddikjara li ghall-incident li sehh fit-2 ta' April 2002 fil-Mellieha z-zewg konducenti kienu fi htija fil-proporzjon ta' kwinta (1/5) parti fil-kaz ta' l-attrici Beryl Pauline Jepsen u erba' kwinti (4/5) fil-kaz tal-konvenut appellat. B' hekk il-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf tliet mija u wiehed u tletin lira Maltija, tmienja u sittin centezmu (Lm1331.68) bl-interessi mid-data ta' din is-

sentenza. L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jitbatew skond l-istess proporzjon stabbilit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------